MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2014

Numru. 1355/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs.**

**Joseph Taliana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Taliana** ta' tletin sena (30), bin Joseph u Pauline neé Vella, imwieled Pietà nhar it-12 ta' Gunju 1982, residenti gewwa Casa Taliana, Triq Bertu Hyzler, Qormi, u detentur tal-Karta tal-Identità bin-Numru 365882(M) akkuzat talli:

1. nhar is-26 ta' Jannar 2012 u fil-granet ta' qabel x'imkien f'dawn il-Gzejjer ikkommetta reat peress li ghamel uzu minn

*computer* b'mod mhux dovut skont it-termini tal-Artikoli 337C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi mmodifika u ha pussess ta' *computer network* skont it-termini tal-Artikoli 337D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-moral b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku (Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi akkuzat li bil-hsieb li jtellef jew jnaqqas il-gieh ta' Janeis Slattery weggaghha bi kliem, gesti jew b'xi mod iehor (Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Janeis Slattery u l-membri tal-familja taghha, ir-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "SSM 1" – *a fol.* 8).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 11).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

Semghet it-trattazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 74 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

**I**lli l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xhieda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.
Illi, fis-seduta tat-18 ta' Frar 2013, xehed **PC 33 Alexander Sellar** (*a fol.* 12 *et seq.*) fejn qal li l-kwerelanta Janeis Slattery ghamlet rapport dwar *computer misuse*. Ezebixxa r-rapport redatt minnu, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "AS 1" (*a fol.* 14 *et seq.*). Jispjega li r-rapport gie mibghut lis-*Cyber Crime Unit* ghal aktar stharrig. Jghid li l-kwerelanta ma semmietlu l-ebda ismijiet.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Frar 2013, xehed ukoll **PS 1146 Edward Zammit** (*a fol.* 17 *et seq.*) fejn xehed fuq l-istess linji ta' PC 33. Jghid li l-kwerelanta ntalbet tirraporta l-profil taghha lil *Facebook* innifishom u li l-istess kwerelanta kienet sussegwentment ikkuntatjatu u qaltlu li l-profil kien gie *deleted.* Jghid ukoll li kienu rcevew informazzjoni minn ghand *Facebook* bl-*IP addresses* ta' minn fejn kien qed jigi accessat il-profil u meta gie ccekjat min kienu s-*service providers* irrizulta li kienu GO u Melita Cable. Jghid li wara li sar kuntatt ma' dawn, il-Pulizija rceviet informazzjoni minn fejn irrizulta li fil-perjodu ta' bejn il-5 ta' Jannar 2012 u l-25 ta' Jannar 2012, il-profil kien gie accessat minn zewg postijiet differenti. Jispjega li wiehed mill-postijiet kien registrat u l-konnezzjoni tal-*internet* kienet registrata f'isem l-imputat. Fir-rigward tal-Melita, il-konnezzjoni tal-*internet* kienet registrata fil-fond li jgib l-isem "Megabyte Limited", Megabyte, F4, Triq Mosta Technopark, Mosta. Jghid li l-kwerelanta kkonfermat li kull min accessa l-profil taghha f'Jannar 2012 ghamel dan minghajr awtorizzazzjoni taghha. Ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "EZ 1" (*a fol.* 19 *et seq*).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' April 2013, xehdet **Janeis Slattery** (*a fol.* 51 *et seq.*) fejn qalet li l-imputat huwa r-ragel ta' ohtha. Tghid li l-*account* tal-*Facebook* taghha ma setghetx tuzah ghal xi xahar u nofs/xahrejn qabel it-tieg tal-imputat. Tghid li ghamlet ir-rapport lil Pulizija u saru xi investigazzjonijiet. Tispjega li ma setghetx tidhol fil-profil taghha tal-*Facebook* ghax il-*password* kienet inbidlet u meta marret biex ikollha access ghalih ma setghetx. Tixhed li xi hadd kien qed juza l-profil taghha billi kien qed jikteb kliem f'isimha u anke gie mpoggi ritratt ta' xi hadd li jahdem il-pornografija. Tghid li l-imputat kien it-*technician* taghha. Tghid

ukoll li xoghol l-imputat huwa fl-IT. Tghid li kien hemm zmien fejn l-imputat kien qalilha biex tbiddel il-*password* taghha u biex taghmilha b'sahhietha u li l-*password* il-gdida kien tahielha hu stess. Ma tafx jekk l-imputat kienx zamm din il-*password* jew le. Tghid li wara li kienet ghamlet il-*password* li kien ta l-imputat, hi qatt ma regghet bidlitha. Tghid li l-kompjuter kien taghha u kienet tuzah id-dar taghha. Tixhed li fil-profil taghha tal-*Facebook* kienu jinkitbu kliem bhal *"Tonight to Paceville"* u *"Hot"* li ma kienitx tiktibhom hi. Tghid li kien hemm kummenti miktuba li kienu mahmugin u kien hemm kummenti normali u li eventwalment l-*account* kien inghalaq. Tispjega li qatt ma kellha problemi mal-imputat u li l-problema bdiet meta ohtu ma baqghetx tohrog ma' certu Darren Brincat ghax dan Brincat beda johrog maghha (mal-kwerelanta).

In <u>kontro-ezami</u> tikkonferma li l-*boyfriend* taghha ta' dak iz-zmien kellu hafna nkwiet mal-imputat u kien spicca l-Qorti u nstab hati. Tghid li l-inkwiet beda meta oht l-imputat bdiet tivvinta li l-eks *boyfriend* taghha kien ghadu qed jikkuntatjaha. Tghid li r-ritratt li gie mtella', kien jikkonsisti fi bniedem bil-parti tieghu mghottija b'kitarra f'isimha. Tghid li ma ghamlitx kopja tieghu. Tghid li setghet tara li kien hemm il-*post* pero ma kellhiex access ghall-*account*. Tghid li l-*post* ratha mill-profil ta' nies li kienu hbieb maghha. Mistosija tghid jekk tafx lil Mirielle Bonnici, tikkonferma li tafha u tghid li ma ghandhiex dubji minnha. Tikkonferma li gie li uzat il-kompjuter taghha.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' April 2013, xehed ukoll **Darren Brincat** (*a fol.* 57 *et seq.*) fejn qal li lill-imputat jafu ghax kien f'relazzjoni ma' ohtu. Jghid li kien mar l-Ghassa tal-Pulizija flimkien mal-kwerelanta taghmel rapport, liema rapport kien sar ghax il-kwerelanta ma setghetx tidhol fil-profil tal-*Facebook* taghha ghax kienet tbiddlet il-*password* tieghu. Jghid li kienu jaraw certu *posts* ghax kienu jidhlu mill-profil tal-*Facebook* tieghu. Jghid ukoll li fil-profil tal-kwerelanta kien gie mtella ritratt ta' bniedem li jahdem il-pornografija. Jixhed li dan ir-ritratt kien jikkonsisti f'ragel gharwien jghatti l-parti tieghu b'kitarra. Jispjega li l-kummenti kienu bhas-segwenti: *"Il-lejla sejra Paceville"*, *"PV tonight"*, *"lol"*. Jghid li l-kwerelanta rathom mieghu dawn l-affarijiet. Ikkonferma li l-kwerelanta kienet *friend* mieghu fuq il-*Facebook*.

In kontro-ezami jghid li cemplu s-*Cybercrime* meta raw dan ir-ritratt u dawn il-*posts*. Jghid li ma hadu l-ebda kopja ta' taghhom.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2013, xehdet l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Sarah Magri** (*a fol.* 70 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnha. Tispjega li baghtet ghall-imputat u haditlu stqarrija wara li sar access mir-residenza tieghu ghall-profil tal-*Facebook* in kwistjoni. Tghid li apparti mir-residenza tal-imputat, kien hemm ukoll access ghall-profil minn fejn jahdem l-imputat. Tghid li minn naha tas-*Cyber Crime* rrizulta li kien hemm access minn gewwa l-istess post fejn jahdem l-imputat u kif ukoll mir-residenza tieghu. Tghid li l-kwerelanta tigi oht il-mara tal-imputat u li l-imputat qal li, qabel kellhom xi argumenti familjari, kien ikun hemm zmien fejn il-kwerelanta kienet tkun fir-residenza taghhom (tal-imputat) u li b'hekk il-kwerelanta setgha kellha access hi stess ghall-profil in kwistjoni ghaliex il-kwerelanta kienet tiehu l-kompjuter taghha ghat-tiswija fir-residenza tal-imputat. Tghid li l-imputat qalilha li kien hu li kien wera lill-kwerelanta kif ghandha tikkrea l-*account* tal-profil tal-*Facebook* u li filfatt ghal bidu kellu access ghall-*password.* Tghid li l-kwerelanta qaltilha li l-imputat kien ghenha jkollha *password* tal-*Facebook* u li l-imputat kien ghamel sistema li jekk titlef l-istess *password* tigi generata *e-mail* li tidhol fil-*Facebook* tal-imputat biex tkun tista' tigi risetjatha l-*password* in kwistjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri izda huwa rrilaxxa stqarrija (Dok. "MP 1" – *a fol.* 65 *et seq.*) lil Pulizija meta dawn bdew jaghmlu l-investigazzjoni taghhom. Ta' min jinnota li qabel ittiehdet l-istqarrija min ghand l-imputat, huwa nghata dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat pero l-imputat irrifjuta tali dritt. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ighid li huwa jahdem bhala IT *administration* ma' Megabyte Limited u jaghmel *part-time* ghal rasu. Jghid li l-kwerelanta hija oht il-mara tieghu. Jghid li kien imur jghinha meta kien ikollha xi diffikultajiet bil-kompjuter taghha u kien jaghmlilha xi tiswijiet mehtiega. Mistoqsi jghid jekk fix-xoghol li kien isir kienx juza xi *passwords*, ighid li bhala xoghol professjonali dejjem kien ihalli lill-klijenti tieghu jdahhlu l-

*username* u l-*password* waqt li hu jwarrab ftit. Jghid li ma kellux argumenti mal-kwerelanta pero kellu argumenti mal-*boyfriend* taghha li kien johrog ma' ohtu (oht l-imputat). Jghid li l-kompjuter tal-kwerelanta qatt ma hadu d-dar mieghu pero dejjem sewwieh fir-residenza taghha. Jghid li kien hemm zmien, meta l-kwerelanta kienet ghadha qed tibda tuza l-kompjuter, li kien jghinha biex taghmel ritratti fuq il-profil tal-*Facebook* u kif ukoll diski. Mistoqsi jekk jafx xi *passwords*, iwiegeb fin-negattiv u jghid li ghandu access li jaghmel *recovery email* u jircievi *request* tal-*email address* fis-sens li jigi wzat l-*email address* tieghu biex jekk jinsew il-*password* taghhom ikun jistghu jgibu *password* ohra. Ma jafx jekk il-kwerelanta kellhiex din is-sistema. Mistoqsi jghid jekk qattx accessa l-profil tal-*Facebook* tal-kwerelanta minn fuq il-kompjuter tieghu, ighid li ricenti zgur li le pero jghid li qabel Gunju 2011 jista' jkun ghax il-kwerelanta kienet tkun ghandhom. Jghid li jekk biddlu xi *passwords* tal-*Facebook*, ma kienux flimkien ghax kienet tkun il-kwerelanta li tittajpjaha. Jghid li mhux minnu li l-*password* nbidlet fir-residenza tieghu. Jghid li f'Mejju 2011 kienu ghadhom hbieb u ma kien hemm l-ebda argumenti. Jghid li l-argumenti bdew minn Gunju 2011 ghalkemm sa Lulju 2011 kienu ghadhom jitkellmu. Jghid li ilu jahdem mal-Megabyte mis-sena 2008 u li dan iz-zmien setgha jkollu access ghall-*emails* imma mhux ghal *Facebook*. Jghid li kien fl-ahhar sitt xhur li kellhom access ghal *Facebook* mix-xoghol, cioé mill-Megabyte. Jispjega li kien hemm *wi-fi* pero mhux accessibbli ghal kulhadd ghax ried ikollok *password*. Jghid li x-xoghol kellu *password* sabiex juzah fuq il-*laptop* tal-kumpanija stess u xorta ma kellux access ghal *Facebook*. Jghid li ghalhekk bl-ebda mod ma kellu access ghal *Facebook* minn fuq ix-xoghol. Jghid li l-IP *address* tieghu huwa *fixed* u ilu mixtri madwar sena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser taghmel xi konsiderazzjonijiet rigward il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni. Mill-provi akkwiziti jirrizulta li kien hemm zmien fejn il-kwerelanta ma kellhiex access ghall-profil tal-*Facebook* taghha ghax kienet inbidlet il-*password* minn xi hadd u tul dan iz-zmien xi hadd kien qed juza l-profil taghha u kien qed jikteb kliem u jpoggi ritratti partikolari.

Illi l-Prosekuzzjoni tibbaza l-kaz taghha, fost l-ohrajn, fuq dak li xehed PS 1146 Edward Zammit u minn dak li jirrizulta fir-rapport tieghu li gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "EZ 1" (*a fol.* 19 *et seq.*). PS 1146 Edward Zammit jispjega li l-Pulizija kienu rcevew informazzjoni minn ghand *Facebook* bl-*IP addresses* ta' minn fejn kien qed jigi accessat il-profil u li s-*service providers* partikolari kienu GO u Melita Cable, li wara li sar kuntatt maghhom il-Pulizija rceviet informazzjoni li bejn il-5 ta' Jannar 2012 u l-25 ta' Jannar 2012, il-profil kien gie accessat minn zewg postijiet differenti: wiehed mill-postijiet kien registrat u l-konnezzjoni tal-*internet* kienet registrata f'isem l-imputat, u fil-kaz l-iehor il-konnezzjoni tal-*internet* kienet registrata fil-fond li jgib l-isem "Megabyte Limited", Megabyte, F4, Triq Mosta Technopark, Mosta.

Illi, minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, f'dan il-kaz jirrizulta li l-istess Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha fuq diversi provi indizjarji (*circumstantial evidence*) li skond hi kollha jippuntaw lejn l-imputat bhala l-persuna li ghamel dak li huwa qed jigi akkuzat bih.

Illi, kif gie stabbilit fil-gurisprudenza taghna, huwa principju ben assodat li l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjarji izda dawn tal-ahhar iridu jkunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u jridu jkunu sufficjenti u tali li jnisslu f'mohh il-Gudikant konvinciment morali lil hinn minn kull dubju ragonevoli dwar ir-reita' tal-persuna imputata. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel riferenza ghal sentenza moghtija fis-17 ta' Settembru 2008 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Pierre Buttigieg** fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Prova indizjarja wahda, jekk tkun univoka w ma taghti lok ghall-ebda spjegazzjoni ohra ghajr dik tal-htija tal-akkuzat, tista' tkun bizzejjed biex fuqha biss tinstab dik il-htija".

Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghal sentenza ohra moghtija fis-6 ta' Mejju 1961 fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmelo Busuttil et** mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn intqal is-segwenti:

> "Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet rigward ir-rapport (Dok. "EZ 1" – *a fol.* 19 *et seq.*) redatt minn PS 1146 Edward Zammit:

- Fil-korrispondenza li tidher mibghuta mill-*Facebook* (*a fol.* 28) hemm miktub, fost l-ohrajn, hekk: *"Facebook cannot attest to or guarantee the completeness of any data provided"* (*a fol.* 28). Il-persuna li baghtet din l-*email* ma ntalbitx tiehu l-gurament rigward il-kontenut taghha. L-isem ta' min baghat din l-*email* ma nafux min hu u kull ma hi din l-*email* hija semplici *print-out* u hi kopja ta' xi haga.

- L-ittra mibghuta mill-GO (*a fol.* 44) ma hija ffirmata minn hadd u hadd mill-kumpanija GO ma ntalab jikkonfermaha bil-gurament. Apparti minn dan, fl-ittra hemm miktub hekk: *"Any information on the user registration details that GO Plc. has acquired on a prepaid number is informal and may be unreliable"* (*a fol.* 44). L-ittra tkompli hekk: *"Although every effort has been made to submit the correct data this may be subject to human errors"* (*a fol.* 44).

- L-*email* mibghuta mill-Melita (*a fol.* 48) hija ffirmata minn certu Michael Camilleri. Din ma gietx konfermata minnu bil-gurament. Din l-*email* tghid biss min huwa l-klijent partikolari, cioé Megabyte Limited. Wiehed ma jridx jinsa li minkejja li l-imputat jahdem ma' din il-kumpanija pero huwa ma huwiex l-uniku impjegat.

- Fi process kriminali ghandha tingieb l-ahjar prova u l-ahjar prova hija li kull ittra/*email* li tigi prezentata fi process kriminali ghandha tigi konfermata bil-gurament minn min ikun harigha.

Illi, fil-kaz odjern, b'mod partikolari fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti

jidhrilha li l-provi ndizjarji prodotti mill-Prosekuzzjoni ma jippruvawx li l-imputat kien il-persuna li accessa l-profil tal-*Facebook* tal-kwerelanta u li biddel il-*password* ta' tali profil u beda juza tali profil. Il-Qorti tinnota li l-kwerelanta tigi oht il-mara tal-imputat u kien hemm drabi fejn il-kwerelanta kienet tmur ghandhom. Ghalkemm il-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputat kienx il-persuna li kkommetta l-imputazzjonijiet addebitati lilu, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. *Di fatti*, il-Qorti jidhrilha li bil-provi li ghandha f'idejha, il-Qorti ma tista' qatt tasal ghal sejbien ta' htija fil-konfront tal-imputat fuq bazi ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Illi, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li kien biss meta l-kwerelanta tat id-depozizzjoni taghha quddiem il-Qorti li hija qalet li kien ittella' ritratt partikolari minn xi hadd fuq il-profil taghha tal-*Facebook*. Dan ir-ritratt ma jissemmiex fir-rapport redatt minn PC 33 Alexander Sellar (Dok. "AS 1" – *a fol.* 14 *et seq.*). Apparti minn dan, minkejja li l-kwerelanta u Darren Brincat jiddeskrivu x'kien fih ir-ritratt partikolari, kopja ta' dan ir-ritratt baqa' ma giex ipprezentat f'dawn il-proceduri. B'hekk ma jezistu l-ebda provi konkreti fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat. Dan japplika wkoll fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, liema imputazzjoni ma giet bl-ebda mod pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Joseph Taliana hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------